Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/19*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 19 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti 7-18

Il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 3. Mill-Minuti

3.01 **Paragrafu 7.02 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima għax-xogħol li jrid isir biex jitħammel il-ħajt u jitneħħa l-materjal żejjed fi Triq Wied Sara u b'hekk il-ħaddiema tal-Gvern ikunu jistgħu jibnuh mill-ġdid hija ta' €421 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol.

3.02 **Paragrafu 7.14 –** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-istima għax-xogħol li jrid isir biex jitħammel il-ħajt u jitneħħa l-materjal żejjed fi Triq L-Għasri u b'hekk il-ħaddiema tal-Gvern ikunu jistgħu jibnuh mill-ġdid hija ta' €665 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol.

3.03 Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-**Minuti 15, Paragrafu 7.11** dwar xogħol ta' taħmil u livellar bil-konkos fi Sqaq tal-Qattus. L-istima għal dan ix-xogħol hija ta' €1000 (VAT inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li jsir dan ix-xogħol.

## 4. Quarterly Financial Reports

Il-Quarterly Financial Reporst Ottubru – Diċembru 2013, Jannar – Marzu 2014 u April – Ġunju 2014 kienu tqassmu lill-membri kollha. Dawn ġew diskussi u approvati unanimament. Il-Kunsill innota li l-iżbilanċ li tħalla mis-sena 2013 naqas u mistenni li sal-aħħar ta' din is-sena jkun eliminat kollu.

## 5. Ħarġa għal Malta

Is-Sindku ippropona li norganizzaw ħarġa għal Malta nhar it-Tlieta 5 ta' Awissu. Dak in-nhar tiġi iċċelebrata l-festa ta' Ħal Lija li bħar-raħal tagħna fil-festa tagħhom jingħata Ġieħ lil Kristu Ewkaristiku Salvatur. Il-Kunsill qabel li għandna norganizzaw din il-ħarġa. Il-Kunsill qabel ukoll li l-prezz għar-residenti ta' L-Għasri ikun issussidjat.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li qed jikkunsidra li jorganizza ħarġa għal barra minn Malta. Il-Kunsill qabel li s-Sindku għandu jaħdem dwar din l-attivita iżda importanti li l-Kunsill ma jagħmilx spejjeż.

## 6. Korrispondenza

6.01 Memo 20/2014 – Kanali tal-Ilma (Water Culverts).

6.02 Memo 21/2014 – Dokumenti preżentati waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

6.03 Memo 22/2014 – Migrazzjoni għall-akkwist elettroniku (Electronic Procurement).

6.04 L-Onor. Justyne Caruana, Segretarju Parlamenti għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita u Anzjanita Attiva, stiednet lis-Sindki Għawdxin għal-Laqgħa kordjali li ser issir nhar it-13 ta' Awwissu fl-iskola Sekondarja tas-Subien, ir-Rabat Għawdex.

6.05 Eileen Vella mill-Health Promotion Unit (Gozo General Hospital) infurmat lill-Kunsilli Lokali ta' Għawdex dwar laqgħat li jistgħu isiru fil-lokalitajiet stess dwar is-saħħa. Il-Kunsill qabel li nagħmlu l-kuntatti meħtieġa biex norganizzaw dawn il-laqgħat fir-raħal tagħna.

6.06 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għaddiet diversi korrispondenza bejn il-Kunsill u Greenmt liema korrispondenza ġiet ikkuppjata lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo. Is-suġġett ta' din il-korrispondenza kien dwar il-ftehim li għandu jintlaħaq bejn il-Kunsill u Greenmt dwar it-tħaddim tal-iskema ta' ġbir ta' skart separat. L-aħħar ftehim kien jagħlaq fl-aħħar tas-sena 2012 u għalhekk il-Kunsill ilu jinsisti ma' Greenmt biex jintlaħaq ftehim ġdid. Is-Sindku informa lill-Kunsill ukoll li qed ikollu ħafna ilmenti dwar il-Bring in Sites ta' Triq il-Fanal. Il-Kunsill qabel li għandna inkomplu bid-diskussjoni ma' Greenmt biex naslu għal ftehim ġdid.

6.07 Michael Gatt mill-Gozo Action Group informa lill-Kunsill dwar Measure 125 – increase the accessibility to agricultural holdings by farmers. Il-Kunsill diġa ibbenefika minn din il-Miżura (Triq tal-Gallina) iżda jista' jerġa japplika taħt l-iskema li se terġa' toħroġ fi ftit jiem oħra. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw biex issir Triq Wied L-Għasri u Triq it-Tamar. Il-prijorita għandha tingħata lil Triq Wied L-Għasri

6.08 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill dwar ittra anonima li irċieva id-Dipartiment fejn il-kontenut tal-ittra kien dwar il-kuntrattur tat-tindif ta' toroq. Il-Monitoring Unit għamlu mistoqsijiet dwar il-kuntratt li l-Kunsill għandu biex jitnaddfu t-toroq. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta li ta lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

6.09 Peter Paul Buttiġieġ informa lill-Kunsill li waqt it-tiġrijiet taż-żwiemel li jkunu organizzati mill-Kunsill kien sfratta żiemel u saritlu ħsara fil-proprjeta tiegħu. L-assikurazzjoni ma setgħetx tkopri l-ispejjeż peress li ż-żiemel kien miżmum minn persuna taħt it-tmintax 'l sena. Is-Sindku ippropona li l-ispejjeż involuti għandhom jitħallsu mill-Kunsill peress li din kienet attivita organizzata mill-Kunsill. L-ispejjeż huma ta' €219.85. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u għalhekk Peter Paul Buttiġieġ se jingħata il-ħlas meta jippreżenta l-irċevuti tax-xogħol ta' manutenzjoni li sar.

**7. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 7-19 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**8. Materja oħra**

8.01 Alfred Saliba ta' Triq il-Knisja talab li jsir ftit taħmil u tneħħija ta' materjal fl-inħawi ta' Triq il-Fanal fejn għandu l-għalqa biex ikun jista' jitranġa ħajt fl-istess għalqa tiegħu. Ix-xogħol ta' bini tal-ħajt ser isir mill-ħaddiema tas-CMU. L-istima għal dan ix-xogħol hija ta' €70.80 (Vat inkluż). L-istima hija ibbażata mir-rati tal-kuntratt li għandna mal-Kuntrattur Anthony Mintoff dwar Hire of Plant and Machinery. Il-Kunsill qabel li għandu jsir dan ix-xogħol.

8.02 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana informa lill-Kunsill li l-ħajt li kien sar mal-gandott tal-ilma tax-xita fl-inħawi ta' Triq il-Fanal qiegħed fil-periklu li jaqa' u għalhekk hemm bżonn li jitranġa. Jekk jaqa' dan il-ħajt il-gandott tal-ilma tax-xita jiġi imblukkat u għalhekk issir ħsara lill-egħlieqi tal-madwar. Is-Sindku ippropona li ngħidu lil Anton Mintoff sabiex jagħmel ix-xogħol meħtieġ. Il-Kunsill qabel li għandu isir ix-xogħol.

8.03 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana issuġġerixxa li jeħlu reflectors mas-Salib li hemm fi Triq il-Knsija peress li bil-lejl huwa perikoluż u xi vetturi jistgħu jibqgħu deħlin fih. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u għalhekk ser jitwaħlu reflectors.

8.04 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana talab sabiex il-ħajt fi Triq Wied L-Għasri ikompli jinbena. Dan kien inbena parti minnhu u jonqos ftit oħra. Il-Kunsill qabel li meta jkolna l-ħaddiema dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

8.05 L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ informa lill-Kunsill li huwa beda jagħmel kuntatti biex jinħatar Sotto Kumitat taż-Żgħażagħ. Is-Sindku ippropona li

jsiru avviżi biex naraw min huwa interessat li jkun membru f'dan is-Sotto Kumitat. Is-Sindku u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ se jikkordinaw flimkien biex isiru l-avviżi u jinħatar dan is-sotto kumitat.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 29 ta' Awwissu, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-8.45p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |